20 ta' Marzu 1967.

Imħallfin:—

S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.
Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.
Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D,

Francesco Mifsud et

*versus*

Ivan Cortis

## Danni — Responsabilità — Kolliżjoni.

*Deċiżjoni dwar ir-responsabilitajiet relattivi għall-danni f'kolliżjoni fatali bejn motorcycle misjuq fid-dlam bla dawl għall-nofs it-triq; u l-konvenut li kien ġej b'karozza f'direzzjoni opposta, u waqt li jissorpassa karozza oħra, bi speed leġġerment eċċedenti l-massimu permess qabeż il-linja medjana tat-triq.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina illi bih l-atturi— premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħudin il-provvedimenti opportuni, premess illi fit-12 ta' Awissu, 1963, jew għal dawk iż-żminijiet, il-konvenut, imħabba nuqqas, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti, ħabat, meta kien isuq car 9429, ma Carmelo Mifsud, li kien isuq motor cycle 24779, fit-triq tas-Salina; u premess li bħala konsegwenza ta' din il-kolliżżjoni, li ġrat bi ħtija tal-konvenut, l-imsemmi Carmelo Mifsud, iben l-attriċi Giovanna Mifsud u hu l-atturi l-oħra, safa maqtul u l-mutur tiegħu inħaraq, fost danni oħra sofferti, talab li l-konvenut, għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jirriżultaw (1) jiġi dikjarat responsabbli tal-kolliżżjoni msemmija u l-eventwali danni sofferti mill-atturi, u (2) jiġi konsegwentement kundannat iħallas lill-atturi dik is-somma, in linea ta' danni skond il-liġi, li tiġi likwidata mill-Qorti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi. Bl-ispejjes.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi

t-talbiet attriċi huma fid-dritt u fil-fatt infondati għaliex il-kolliżżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni ġrat unikament bi ħtija tal-mejjet Carmelo Mifsud u għaliex l-atturi ma sofrew ebda danni. B'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra u salv kull dritt tal-eċċipjent għal danni li sofra huwa bl-imsemmija kolliż-żjoni;

Rat ir-rikors ta' Violet mart l-Avukat Dottor Arturo Valenzia, fil-kummerċ, għad-ditta "Arva Company" u dina in rappresentanza tan-Norwich Union Inc. Insurance Society Limited li biha talbet li tiġi ammessa "in statu et terminis" u d-digriet tal-25 ta' Jannar, 1963, li bih r-rikorrenti ġiet hekk ammessa;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsemmija intervenuta fil-kawża li biha qalet li tassoċja ruħha mal-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 1966 li biha t-talbiet ta' l-atturi ġiet miċħuda, spejjes kul-ħadd tiegħu, wara li kkunsidrat:

Il-kolliżżjoni li tat lok għal din il-kawża ġrat viċin it-Torri tal-Għallis, ħdejn is-Salina, f'parti mit-trieq tal-kosta li hija dritta tul sewwa u li hija wiesa tnejn u erbgħin pied.

Il-karrozza tal-konvenut kienet miexja fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar u l-motor-cycle misjuq minn Carmelo Mifsud kien dirett lejn Baħar iċ-Ċagħaq. L-inċident ġara għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija, meta kien id-dlam.

Fost ix-xhieda prodotti, xehdu s-Surġent tal-Pulizija John Cutajar li eżibixxa ritratti meħudin minnu immedjata-

ment wara l-kolliżżjoni u Edgar Felice, li kien ġie nominat bħala perit tekniku mill-Qorti tal-Maġistrati, u li għamel li 'sketch' "to scale" li kopja fotostatika tiegħu jinsab eżibit.

*Jirriżulta* mid-deposizzjonijiet ta' xhieda oħra prodotti illi l-motor-cycle kien miexi bla dawl.

Wara l-kolliżżjoni l-karozza spiċċat *in-naħa* tal-lemin tat-triq (*inti hu* sejjer San Pawl il-Baħar) u fl-istess naħa spiċċaw il-motor cycle, li nħaraq, u l-kadavru ta' Carmelo Mifsud.

L-avukat *tal-*atturi ssottometta illi l-konvenut huwa responsabbli għall-kolliżżjoni billi jallega li dan kien "on the wrong side" u li kien miexi bi speed qawwi, *anzi* esaġerat, meta kien qiegħed jissorpassa karrozza oħra.

Rigward is-sorpass, għandu jiġi rilevat illi għalkemm il-konvenut u ħuh Alexander, li kien miegħu jgħidu li ma kienx hemm karrozza oħra fuq ix-xellug tagħhom, huwa evidenti li kien hemm il-karozza *misjuqa mix-*xhud William Dimech, li *kienet* miexja fl-istess direzzjoni tal-konvenut, u illi l-konvenut kien qiegħed jipprova jissorpassaha meta sar l-inċident.

Infatti, ix-xhieda barranin William Dimech, ommu Alda u ħuh Peter ilkoll iddeponew illi l-konvenut kien qiegħed biex jissorpassahom meta ġrat il-ħabta.

Rigward kif ġrat il-kolliżżjoni, Alda Dimech xehdet: "Aħna konna għaddejjin mis-Salina fuq ix-xellug tagħha *tat-triq*. Konna għaddejjin normalment fuq ix-xellug tagħna tat-triq, jiġifieri mhux imbegħdin ħafna mix-xellug tal-ħajt tat-triq. Smajt ħoss ta' karrozza ġejja minn warajna,

u jiena għidt li sejra taqbiżna. Fl-istess ħin rajt motor-cycle ġej mil-faċċata tagħna u kien mingħajr dawl. Dan il-*motor-cycle* rajtu fid-dawl *tal-karrozza l-oħra.* Meta rajt dan *il-motor-cycle* l-karrozza ta' warajna kienet laħqet diġà mal-karozza tagħna, qiesu sal-bieb ta' wara tal-karrozza tagħna... Il-motor-cycle kien miexi fin-nofs tat-triq. Il-post kien fejn it-triq hija dritta, u l-motor-cycle rajtu ġej fid-dritt. Jiena smajt ħoss u rajt il-motor-cycle u l-karrozza ta' warajna jaħbtu ma' xulxin. *Il-motor-cycle* ħa n-nar u l-karrozza inqalbet."

Din ix-xhud kompliet tgħid li l-karrozza li ġiet minn warajhom ma setgħatx kienet miexja bil-qawwi l-għaliex kieku kienet taqbeż lilhom, *li ma kienux mixjin* bi speed *qawwi* għax kienu sejrin passiġġata *fil-frisk* u *ma* kellhomx għaġġla. Qalet ukoll illi jekk fl-aċċess miżmum quddiem il-perit tekniku appuntat mill-Maġistrat qalet li l-karrozza ta' warajhom kienet miexja ħafna iżjed minnhom, illum ma tistax tgħid l-istess ħaġa. Ziedet tgħid li meta t-tifel tagħha ħass li l-karozza ta' warajhom *kienet* sejra taqbżu resaq aktar lejn ix-xellug tiegħu u l-*karrozza l-oħra* ħarġet għal nofs it-triq biex taqlagħhom. U mbagħad semgħat il-ħabta u l-motor cycle inqaleb bil-ħabta li ġie mitfugħ lura fuq il-ħajt tat-triq lejn il-lemin. Qabel il-ħabta, qalet, kienet għaddiet karrozza, fil-waqt li l-karrozza ta' warajhom (dik tal-konvenut) kienet ġa bdiet taqlagħhom, u l-ħabta saret fuq il-lemin tagħhom, imma *lura mill-karrozza* tagħhom, tant li kellha tħares lura biex taraha. Ix-xhud qalet ukoll li kienet ilha tisma l-karozza li riedet tipprova taqlagħhom ġejja minn warajhom.

William Dimech, li kien qiegħed isuq il-karrozza, iddepona illi l-karrozza tal-konvenut ippruvat taqbeż il-karrozza tiegħu fid-dritt waqt li t-triq kienet "clear", u kif waslet pa-

riġġ miegħu deher il-motor-cycle li żgur headlights ma kellux (għalkemm ma jistax jgħid kellux dawl jew le). Ix-xhud kien miexi qal, b'xi 35 jew 40 mil fis-siegħa, u l-motor-cycle u l-karrozza ħabtu qisu f'linja waħda man-naħa ta' wara tal-karrozza tiegħu. Meta ra l-motor-cycle, dan kien faċċata tal-karrozza li kienet ser taqilgħu għax rah bid-dawl ta' din il-karrozza. Il-karrozza li kellu ħdejh inqalbet u wara l-inċident ra lilha u lil motor-cycle fejn jidhru fir-ritratt numru 1 (jiġifieri għal kollox in-naħa l-oħra tat-triq). Ma jaħsibx illi l-motor-cycle kien jiskorri ċ-ċentru tat-triq. Bejn il-lemin tal-karrozza tal-konvenut u l-ħajt (in-naħa tal-baħar) kienet tgħaddi karrozza oħra, u qabel il-kolliżjoni għaddiet waħda. Meta x-xhud ra l-motor-cycle, qal, din kien il-bogħod minnu tul is-Sekond'Awla, u preċiż qabel il-ħabta ra l-motor-cycle jisswervja lejn ix-xellug tiegħu qiesu ser jieħu s-side tiegħu. Il-karrozza tiegħu, iddikjara, kienet xi tlieta jew erba' piedi l-bogħod mil-ħajt tax-xellug u l-karrozza tal-konvenut kienet viċin sewwa l-karrozza tiegħu. Il-motor-cycle ma impressjonahx li kien miexi b'xi speed esaġerat.

Peter Dimech, li kien fis-seat ta' wara tal-karrozza ġejja fuq il-lemin tiegħu, miexja ftit aktar minnhom, u mill-faċċata ra motor-cycle bla dawl, bogħod xi tul is-Sekond'Awla, fil-headlights tal-karrozza ta' ħdejhom. Sema ħoss u ra l-karrozza li kienet sejra taqbiżhom ittir u tinqaleb u l-motor-cycle jaqbad. Il-motor-cycle kien bi dritthom, miexi f'nofs it-triq, kważi f'nofs iż-żewġ karrozzi. Il-karrozza li kienu fiha kienet fuq ix-xellug tat-triq u l-karrozza li kienet sejra taqbiżhom għaddiet viċin ħafna.

Il-konvenut iddepona li l-motor-cycle ta' Carmelo Mifsud kien bla dawl u li rah ġej għal fuqu u f'daqqa waħda ħass id-daqqa; li huwa ma kienx sejjer jaqbeż karrozza u

kien miexi *imbagħad* mill-ħajt tax-xellug daqs wiesa' ta' karrozza, b'xi 35 jew 40 mil fis-siegħa, u lanqas ma ttendi jekk kienx hemm xi karrozza fuq ix-xellug tiegħu. Bid-daqqa mal-motor-cycle ħass il-karrozza tiegħu tinqaleb. Jaħseb li waqt il-ħabta kien fuq il-headlamps iddippjati, peress li qabel kien għadda motor-cycle ieħor u probabilment iddipjalu d-dawl. Ma kellu ebda chance jagħmel xi ħaġa, qal, biex jevita l-motor-cycle, li meta ħabat miegħu rah dirett għal *nofs* il-karrozza tiegħu. Il-karrozza tiegħu, li nqalbet mal-ħabta, damet *tinqaleb*.

Alexander Cortis li kien *riekeb* ma' ħuh il-konvenut, fix-xhieda tiegħu ikkonferma sostanzjalment dak li qal il-konvenut, u qal li jaħseb illi li speed tiegħu kien xi 35 mil fis-siegħa, u li l-headlamps tal-karrozza tagħhom kienu mixgħulin, però ma jafx jekk kienux fuq il-'bright' jew le.

Mill-kompless tax-xhieda jidher illi l-karrozza tal-konvenut ma setgħetx kienet miexja ħlief ftit aktar veloċement minn dik misjuqa minn William Dimech, għaliex Alda Dimech xehdet li kienet ilha tismagħha warajhom, u għaliex kieku kienet *miexja* ferm aktar *minnhom* kienet faċilment tissorpassahom, mentri fil-fatt fil-mument tal-kolliżżjoni lanqas ma kienet għadha għaddiethom, *imma* kienet miexja ma' ġenbhom.

Jidher ukoll illi s-sorpass ma kienx qiegħed isir b'xi mod perikoluż għal "oncoming traffic". Infatti, it-triq, li hija wiesa u dritt, kienet tidher libera.

It-triq hija wiesa 42 pied. Il-karrozza ta' Dimech, Ford Prefect, ma kienitx aktar minn xi tlieta jew erba' piedi bogħod mill-ħajt in-naħa tax-xellug, u l-karrozza tal-konvenut, Fiat 1100, kienet għaddejja viċin ħafna tal-Ford Pre-

fect, skond xi xhud. Dawn *iż-żewġ* karrozzi huma wiesgħin ċirka ħames piedi il-waħda, b'mod li fiimkien mal-ispazju ta' bejn il-Ford u l-ħajt u ta' bejn il-karrozzi stess, kienu jokkupaw ċirka in-nofs tat-triq.

Il-motor-cycle kien qiegħed javanza quddiem il-karrozza tal-konvenut, u ovvjament il-punt tal-kolliżżjoni kien fil-parti ta' quddiem tagħha, bejn l-ispazju tal-mudguard tal-lemin u l-parti ta' quddiem tar-radiator, għaliex Edgar Felice ikkonstata li l-karrozza kellha daqqa f'dak il-punt.

Għandu jiġi osservat illi qabel ma saret il-ħabta f'dak il-punt il-motor-cycle is-swervja lejn ix-xellug tiegħu qiesu sejjer jieħu s-side tiegħu. Għalhekk kien miexi aktar lejn il-lemin tiegħu mill-punt fejn saret il-kolliżżjoni, li kienet viċin ta' nofs it-triq.

Anki jekk il-kolliżżjoni ma saritx aktar lejn ix-xellug mill-linja medjana tat-triq dan ma jimpurtax neċessarjament li s-sorpass, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma kellux isir, stante illi ma kien jidher li ġej xejn mid-direzzjoni opposta dak il-ħin.

L-avukat tal-atturi ssottometta fit-trattazzjoni illi, ġia la darba l-katavru, il-motor-cycle, il-karrozza maqluba, u partijiet miksura jew maqlugħa tal-vejkoli instabu f'posizzjoni miċ-ċentru tat-triq lejn il-baħar, u anki fuq il-blat, kif ikkonstata Edgar Felice, dan definitivament juri li l-ħabta saret fuq il-'wrong side' tat-triq.

Però għandu jiġi osservat illi, kif jidher minn li sketch il-barxa fl-art markata bl-ittra F hija anqas minn tliet piedi aktar lejn il-baħar mill-linja medjana tat-triq. Ovvjament din il-barxa ma saritx permezz ta' tyres, għaliex tyre-marks

Edgar Felice ma sabx, u kienet kaġonata mill-kuntatt ta' metall mal-art. La l-motor-cycle isswervja lejn ix-xellug tiegħu u l-karrozza mad-daqqa inqalbet lejn il-lemin tagħha (in-naħa tal-baħar) il-barxa bil-fors saret aktar lejn il-baħar minn li "spot of impact"; għaliex f'li "spot of impact" il-veikoli ma kienux għadhom inqalbu, u naturalment il-brix sar fil-post fejn, mal-qlib tagħhom sar kuntatt mal-art minn partijiet metalliċi tal-veikoli jew ta' wieħed minnhom. La, wara il-ħabta, il-veikoli spiċċaw in-naħa opposta tat-triq, huwa hemm li nxterdu l-partijiet miksura jew maqluba. Kien naturali li l-karrozza tinqaleb għal dik in-naħa għaliex kienet ir-rota tal-lemin tagħha li ilokkjat.

Del resto, ma jeżisti ebda obbligu f'min jagħmel manuvra ta' sorpass, f'mument li s-sorpass jidher opportun u fil-post ġust, li jillimita ruħu għan-nofs tat-triq tan-naħa tax-xellug. Kieku kien hekk, fi triq wiesa biss għal żewġ karrozzi qatt ma kien jista jsir sorpass.

Lanqas ma jidhrilha din il-Qorti illi treġġi l-osservazzjoni tal-avukat tal-atturi illi la Edgar Felice ikkonstata li r-rota ta' quddiem tal-lemin tal-karozza tal-konvenut kienet illokkjata, bil-ħsara li ġratilha, allura dik il-karrozza bilfors kienet miexja veloċement ħafna, billi, bir-rota illokkjata b'kollox spiċċat mhux anqas minn tmienja u sebgħin pied il-bogħod minn fejn ġrat il-kollizzjoni. Infatti, ix-xhud Peter Dimech, meta sema l-ħoss tal-ħabta, ra l-karrozza ttir u tinqaleb. La l-karrozza inqalbet u baqgħet tidgerbeb, ma jistax jingħad li l-perkors tagħha sa fejn waqfet in-naħa l-oħra tat-triq sar fuq rota illokkjata.

Jekk il-motor-cycle kien ġej, kif fil-fatt il-Qorti hija soddisfatta li kien ġej, għal kollox bla dawl, u di più għal nofs it-triq, fil-waqt tas-sorpass magħmul bil-mod li ssem-

ma, u b'hekk issorprenda l-konvenut u ma tahx il-possibilità li jevitah, meta l-motor-cycle kellu ħafna spazju minn fejn jgħaddi, tant li għaddiet karrozza mmedjatament qablu, ir-responsabilità għal dak li ġara ma għandhiex taqa fuq il-konvenut.

Ma huwiex il-każ li l-ħabta saret minħabba nuqqas ta' attenzjoni tal-konvenut li ma rax il-motor-cycle ġej, għaliex fi triq mudlama bħal ma hija dik tas-Salina, ma jistax jiġi mistenni li motor-cycle bla dawl għandu jidher qabel ma jkun tard wisq biex jiġi evitat. Anki l-istess xhieda Dimech ma rnexxilhom— jaraw il-motor-cycle ħlief meta kien xi tletin pied minnhom (tul is-Sekond'Awla fejn xehdu), u dan fid-dawl tal-headlamps tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talbiet tagħhom u kkundannathom iħallsu l-ispejjes tagħhom u tiġi konfermata in kwantu l-partijiet l-oħra ġew kundannati l-ispejjes tagħhom, u hekk it-talbiet ta' l-atturi jiġu milqugħa bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi l-appell ta' l-atturi hu infondat u għandu jiġi miċħud bl-ispejjes. Fl-istess appellaw inċidentalment mill-kap ta' l-ispejjes u talbu r-riforma tas-sentenza appellata fis-sens li l-ispejjes iħallsuhom l-atturi.

Rat ir-replika ta' l-appellanti li qalu li l-appell inċidentali m'għandux jiġi milqugħ.

Reġgħet semgħet lil Edgar Felice, rat il-proċess, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fil-waqt illi din il-Qorti jidhrilha illi ma jistax ikun hemm dubju illi l-mod tas-sewqan *tal-motor cycle* kien kawża *sostanzjali* tat-tregedja u f'dan taqbel ma *l*-ewwel Onorabbli *Qorti*, fl-istess ħin il-Qorti ma tistax taħrab il-konvinzjoni illi l-appellat ukoll ikkontribwixxa għall-kolliżjoni anki jekk fi grad anqas. Id-diffikolta *kbira* l-Qorti ssibha filli tgħid f'liema *proporzjon* ikkontribwixxa *l-appellat*.

Il-provi tal-fatt, apparti l-inferenzi li jistgħu jinġibdu mill-fatti infushom konstatati wara l-ħabta, sostanzjalment huma dawk li jirriżultaw *mix-xhieda* ta' *l-membri* tal-familja *Dimech*. L-ewwel Onorabbli Qorti prattikament eskludiet mill-konsiderazzjoni tagħha x-xhieda ta' l-istess appellat Cortis u ta' ħuh li kien miegħu u fit-trattazzjoni tal-kawża anqas l-għaref Avukat tiegħu ma *tant għamel* assenjament *fuqhom*.

Għab-bażi ta' dawk il-provi *din* il-Qorti hi soddisfatta *bħal* ewwel Onorabbli Qorti *illi* l-motorcycle *kien* għal kollox bla dawl. Iżda din il-Qorti, bir-rispett, ma taqbilx għal kollox ma l-ewwel Onorabbli Qorti illi, l-ewwelnett, il-kolliżjoni ġrat fin-nofs tat-triq (half of the road) li kien imiss lill-karrozzi sejrin lejn San Pawl *il-Baħar*, u t-*tieninett*, illi anki jekk il-kolliżżjoni saret aktar l'hemm mil-linja medjana tat-triq, dan ma kellux importanza fil-każ.

L-appellat Cortis u ħuh *it-tnejn ċaħdu li kien* hemm karrozza oħra quddiemhom u li huma kienu ser jaqbżuha, u jgħidu illi meta ġrat il-ħabta, ċioè meta l-mutur daħal fihom, kif jgħidu, huma kienu mbegħdin mill-ħajt tax-xellug tagħhom "daqs wisa' ta' karrozza". Kieku dan kien *veru* il-"point of *impact*" kien ikun xi 9-11-il pied mill-ħajt ta' x-xellug. It-triq kollha, f'dik il-parti, hi wiesgħa mat-42 pied.

Iżda, kif ġa intqal, ix-xhieda ta' l-appellat u ħuh m'hux ta' min joqgħod fuqha. Bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti toqgħod fuq ix-xhieda ta' Alda Dimech u ż-żewġ uliedha. Iżda kif din il-Qorti tinterpreta dik ix-xhieda, il-point of impact għandu jitqies illi kien jaqbeż, lejn in-naħa tal-lemin tal-karrozzi, il-linja medjana tat-triq. Apparti minn dawk ix-xhieda, Edgar Felice, meta raġa xehed quddiem din il-Qorti, qal illi mill-konstatazzjonijiet illi għamel fuq il-post, iffurma l-idea illi dak il-"point of impact" kien fejn immarkah bl-ittra I ħamra fuq il-pjanta, b'mod li jiskorri bi ftit piedi n-nofs tat-triq fuq in-naħa tal-motor cycle.

Hu veru illi Alda Dimech xehdet illi huma kienu għaddejjin normalment fuq ix-xellug tagħhom, jiġifieri mhux imbegħdin ħafna mill-ħajt tax-xellug, imma xehdet ukoll illi l-car ta' warajhom (dik ta' l-appellat Cortis) "ħarġet għan-nofs tat-triq biex jaqlagħhom". William Dimech xehed illi hu kien qed isuq xi 3 jew 4 piedi l-bogħod mill-ħajt tax-xellug u li l-car ta' l-appellat Cortis ma kienitx maqlugħa l-barra minnu, anzi kienet viċin sewwa tant li bejniethom ma kien jgħaddi xejn: iżda hu xehed ukoll illi, bejn il-lemin tal-karrozza ta' l-appellat u l-ħajt tal-lemin "kienet tgħaddi car oħra ta' daqs normali". Jekk wieħed joqgħod fuq din l-aħħar stqarrija allura, bilfors, illi l-kalkolu tiegħu ta' 3 jew 4 piedi mill-ħajt kien żbaljat u li l-karrozza tal-appellat, fil-waqt tas-sorpass, kienet daħlet fin-nofs l-ieħor tat-triq oltre l-linja medjana: għax kieku dan in-nofs kien kollu liberu, ċioè 21 pied, mhux "karrozza waħda ta' daqs normali" kienet tkun tista tgħaddi, iżda anki tnejn bil-liberta.

Li l-car ta' l-appellat qabżet il-linja medjana tat-triq, jidher li hu konfermat anki minn dan li ġej. It-tliet xhieda Dimech jaqblu illi l-motor cycle kien ġej, dritt, isuq "f'nofs it-trieq". Ħadd minnhom ma jgħid illi kien fuq in-nofs

tagħhom: anzi William Dimech ikkonferma dak li kien xehed mill-bidu quddiem il-perit tekniku fil-proċeduri l-oħra, illi ma jaħsibx illi l-mutur kien jiskorri ċ-ċentru tat-triq. Issa għalkemmAlda Dimech qalet li rat il-motor cycle fid-dawl tal-karrozza "tagħhom", iż-żewġ uliedha — u fuq dan, il-Qorti toqgħod fuqhom — xehdu illi raw il-motor cycle fid-dawl tal-car "ta' l-appellant Cortis:" u William Dimech żied jgħid illi l-Motor Cycle kien "faċċata tal-car li kienet ser taqbiżhom" u Peter Dimech speċifika illi l-mutur kien ġej bi dritthom "**kważi f'nofs iż-żewġ karrozzi jiġifieri tagħhom u l-oħra**". Jekk dan kien hekk, il-motor-cycle, kif intqal, kien **f'nofs it-triq**, bilfors illi l-karrozza ta' Dimech kienet maqluba mhux ħażin il barra mill-ħajt tax-xellug u li l-car ta' l-appellat, fil-mument tas-sorpass, kienet daħlet fin-nofs l-ieħor tat-triq.

Issa din il-Qorti jidhrilha illi dan il-fatt li fil-manuvra tas-sorpass il-car tal-appellat Cortis kienet invadiet parti almenu min-nofs l-ieħor tat-triq, ma kienx mingħajr importanza, fil-każ preżenti. Ċertament hu veru, in linea ġenerali, illi car jista biex jaqbeż karrozza oħra miexja fl-istess direzzjoni, jew karrozza wieqfa, imur fuq in-naħa ħażina (wrong side) tat-triq. Iżda meta dan jista jsir bla ma jkun hemm ebda ħtija għal xi aċċident li jiġru jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ. William Dimech xehed illi l-appellat ipprova jaqbżu "fil-waqt illi t-triq kienet clear". Iżda dan kien **bil-lejl** u **fid-dlam** fi triq bla dawl: u l-kelma "clear" f'ċirkostanzi bħal dawn għandha sinjifikat limitat Is-sorpass kien qiegħed isir b'ċerta speed li aktarx kien jeċċedi b'xi ftit l-massimu tal-veloċità li dak iż-żmien kienet permessa, ċioè il-fuq mill-40 mil fis-siegħa. Issa "nelle ore notturne è necessaria una particolare prudenza nel regolare la veloċità, perchè la visibilità è limitatissima e soggetta ad errori ed equivoci e si corre il rischio di trovarsi improvvi-

samente di fronte ad ostacoli" ("La Responsabilità della Circolazione Stradale", Cigolini Ed. 1955 p. 227). Jekk flimkien ma l-ispeed tiżdied iċ-ċirkostanza tas-sorpass, li ta' spiss minnha n-nifisha tagħti lok għal diffikoltajiet, tidher il-ħtieġa ta' prudenza li kien obbligat li juża l-appellat, meta biex jissorpassa kellu bżonn jinonda, jew ad ogni modo inonda xi ftit kif il-Qorti tirritieni li għamel, in-nofs mhux tiegħu tat-trieq.

Din il-Qorti taħseb illi dak li ġara kien dan. It-motorcycle li kien qed isuq bla dwal xejn ovvjament issorprenda lill-appellat u l-ħtija prinċipali tal-kolliżjoni kienet dina: però f'ċertu grad il-car ta' l-appellat issorprenda ukoll lid-driver tal-motor cycle. Aktarx jidher mill-provi illi l-car ta' l-appellat kien ilu isuq għal xi ftit wara l-car ta' Dimech. Alda Dimech xehdet (għad illi fir-rieżami wriet inċertezza) illi kienet ilha tisma l-karrozza ta' l-appellat ġejja minn warajhom biex tipprova taqbiżhom. William Dimech donnu jikkonferma din indirettament meta xehed illi induna li kien hemm car warajh. "Li qed jipprova biex jaqbiżna" u li f'ċertu ħin hu induna li l-car li kienet warajh biddlet il-gear biex ikun jista jaqbżu. Il-probabilità hi mela, kif il-Qorti taħseb, illi għal xi distanza il-car ta' l-appellat kienet qiegħda ssuq wara l-car ta' Dimech u kienet, jekk mhux għal kollox, xi ftit, moħbija warajha. Imbagħad l-appellat iddeċida definitivament li jaqbeż u kif qal William Dimech fir-rieżami, biddel il-gear biex jaqbeż. Biex jagħmel din il-manuvra hu kiser il-barra bi speed, mar xi ftit fuq in-nofs l-ieħor tat-triq: Fl-istess mument kien ġej il-motor cycle li minħabba li l-car ta' l-appellat ħareġ minn wara l-car ta' Dimech, ma kienx minn distanza induna bid-dwal tiegħu; Malli l-motor cycle induna bid-dwal, ipprova, kif qal William Dimech, jisswervja lejn is-side tiegħu: iżda kien għalxejn u ġrat id-disgrazzja,

Il-Qorti hi ta' fehma illi l-appellat kien imprudenti meta, fil-manuvra li għamel b'dak li speed, f'viżibilità limitatissma, oltrepassà l-linja medjana tat-triq. B'dan il-mod hu ikkontribwixxa in parti għall-kolliżżjoni.

Kif ġa intqal qabel, fil-waqt illi l-Qorti hi ta' fehma li dan hu hekk, issibha diffiċli tgħid f'liema grad eżatt l-appellat hekk ikkontribwixxa.

Wara li ħasbet ħafna u qieset iċ-ċirkostanzi kollha din il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-appellat Cortis għandu jitqies li ikkontribwixxa għall-kolliżżjoni fil-grad ta' kwart. S'intendi anki li speed li kif ġa intqal il-Qorti tirritieni li kien jaqbeż xi ftit il-massimu permess (Edgar Felice, mill-konstatazzjonijiet li għamel jikkalkola li kien xi 50 mil) bilfors ikkontribwixxa ukoll għall-'entità' tal-kolliżżjoni.

Rigward l-appell inċidentali ta' l-appellati, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jiġi milqugħ anki in vista tal-konklużjoni li waslet fiha fuq l-appell prinċipali.

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi:

(a) billi tiċħad l-appell inċidentali bl-ispejjes kontra l-konvenut Cortis;

(b) billi tilqa l-appell ta' l-atturi fis-sens limitat li, għall-finijiet ta' l-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenut hu responsabbli, jitħallsu, fir-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenut, danni sofferti mill-atturi, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. L-ispejjes ta' prim'istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk ta' l-appell, fuq l-appell prinċipli, jitħallsu, fir-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenut, fil-proporzjon ta' ¾ mill-atturi u ¼ mill-konvenut; l-interve-

nut fil-kawża jħallas li spejjes tiegħu.

U tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-finijiet tat-tieni talba.